# PROGRAMM STEDINA
## NOVENA - MILIED - KWARANTURI - 2013

## "Il-Verb sar bniedem u għammar fostna" ( Ġw 1,14)

**Il-Ħadd 8 ta' Diċembru 2013: Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni.**
**It-Tieni** Ħadd tal-Avvent.
Fil-quddies kollu jsir talb u sejħa biex il-poplu jattendi għan-Novena.

**Il-Ħadd 15 ta' Diċembru 2013: Bidu tan-Novena tal-Milied u t-Tielet Ħadd tal-Avvent**
**Tema**: Id-don tal-Ħajja
9.45am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana
4.15pm: Talb tas-Salmi mill-Kapitlu Kolleġġjali.
5.00pm: Quddiesa solenni li tiftaħ in-Novena bil-prietka minn Dun Joseph Bajada

**It-Tnejn 16 ta' Diċembru 2013: It-Tieni Jum tan-Novena**
**Tema**: Id-don tal-Familja
6:00am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka minn Dun Joseph Bajada
6:30pm: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana

**It-Tlieta 17 ta' Diċembru 2013: It-Tielet Jum tan-Novena**
**Tema**: Id-don tal-Ħbiberija ma' Alla
6:00am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka minn Dun Joseph Bajada
6:30pm: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana.

**L-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2013: Ir-Raba' Jum tan-Novena**
**Tema**: Id-don tal-Imħabba
6:00am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka minn Dun Richard N. Farrugia
6:30pm: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana

**Il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013: Il-Ħames Jum tan-Novena**
**Tema**: Id-don tal-Maħfra
6:00am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka minn Dun Richard N. Farrugia
6:30pm: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana

**Il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2013: Is-Sitt Jum tan-Novena**
**Tema**: Id-don tal-Paċi
6:00am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka minn Dun Richard N. Farrugia
6:30pm: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana

**Is-Sibt 21 ta' Diċembru 2013: Is-Seba' Jum tan-Novena**
**Tema**: Id-don tal-Ġustizzja u Solidarjetà
6:00am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka minn Dun Joseph Curmi
6:30pm: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana

**Il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2013: It-Tmien Jum tan-Novena. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**
**Tema**: Id-don tal-Kelma Inkarnata
9.45am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana
4.15pm: Talb tas-Salmi mill-Kapitlu Kolleġġjali
5.00pm: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka tal-okkażjoni

**It-Tnejn 23 ta' Diċembru 2013: L-Aħħar Jum tan-Novena.**
**Tema**: Id-don tas-Sagramenti
6:00am: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka minn Dun Joseph Curmi
6:30pm: Quddiesa solenni tan-Novena bil-prietka mid-Djaknu Daniel Sultana

**It-Tlieta 24 ta' Diċembru 2013: Lejljiet il-Milied. Jum ta' Qrar**
**Bejn il-5.00am u l-11.00am u bejn l-4:00pm u s-7:00pm, ikun hemm servizz ta' qrar fil-Bażilika.**
4:30pm: Quddiesa tal-Vġili tal-Milied.
5.45pm: Kant Solenni tal-Ewwel Għasar (Vespri 1) bis-sehem tal-poplu. Imexxi l-W.R. Arċipriet Mons. Carmelo Refalo.
6:30pm: Quddiesa Vespertina.
**11:00pm: Għanjiet tal-Milied fil-Bażilika bis-sehem tal-Kor *Voci Angeliche*.**
**11:30pm: Ċelebrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Qari tal-Milied.**
**12:00am: Ix-xbieha ta' Ġesù Bambin titwassal fuq l-altar tal-Bażilika. Isir il-Kant tal-Glorja. Konċelebrazzjoni Solenni tal-lejl tal-Milied immexxija minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo bis-sehem tal-Kor *Voci Angeliche*. Wara l-Quddiesa, inkomplu naqsmu l-ferħ tal-Milied waqt agape fuq iz-zuntier tal-Bażilika. Ħadd m'għandu jibqa' f'postijiet tad-divertiment waqt il-quddiesa ta' Nofsillejl. Postna fil-Knisja.**

**L-Erbgħa 25 ta' Diċembru 2013: Jum is-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu**
Quddies fil-Bażilika: 5:00am, 6:00am, 7:00am, 8:30am, 9:45am, 11:00am, 5:00pm u 8:00pm.
8:00am: Kant tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata.
8:30am: Konċelebrazzjoni Solenni ta' Jum il-Milied immexxija minn Mons. Carmelo Refalo Arċipriet tal-Parroċċa.
10:45am: Għanjiet tal-Milied fil-Bażilika minn *Schola Cantorum Jubilate*.
11:00am: Quddiesa għaż-żgħażagħ bis-sehem tal-kor *Schola Cantorum Jubilate*.
4:15pm: Ċelebrazzjoni Solenni tat-Tieni Għasar (bil-Malti) bis-sehem tal- poplu u Barka Sagramentali.
5:00pm: Mill- M.U.S.E.U.M. tas-Subien titlaq il-Purċissjoni Tradizzjonali tal-Bambin bis-sehem tal-Banda *Victory* tax-Xagħra. Mistiedna li nattendu u nimxu lejn il-knisja.
6:00pm: Programm imtella' mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. bil-prietka tradizzjonali tat-tifel. Nattendu bi ħġarna.

**Il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2013: Kunċert tal-Milied**
**7.00pm:** Il-Kunċert tal-Milied organizzat mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra. Ser jieħdu sehem il-Kor u l-Orkestra 'Stella Maris' taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Carmel P. Grech.

**Il-Ħadd 29 ta' Diċembru 2013: Festa tas-Sagra Familja. Vestizzjoni tal-Abbtini l-Ġodda**
Quddies fil-Bażilika: 5:00am, 6:00am, 7:00am, 8:30am, 9:45am, 11:00am, 5:00pm, u 7:30pm.
11.00am: Quddiesa bis-sehem tal-koppji li żżewġu f'dawn l-aħħar 10 snin.
6.30pm: Sitt abbatini ġodda ser jingħaqdu mal-għaqda tal-Piccolo Clero tal-Parroċċa tax-Xagħra sabiex jagħtu servizz fil-Bażilika bħala abbatini.

**It-Tnejn 30 ta' Diċembru 2013: Ftuħ tal-Kwaranturi**
8:30am: Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo li matulha jingħata bidu għal tlett ijiem ta' Adorazzjoni Ewkaristika Solenni. Jieħdu sehem it-tfal tal-Parroċċa. Wara l-Quddiesa, it-tfal ikollhom nofs siegħa Adorazzjoni.
4.15pm: Talb tas-Salmi bil-Malti bis-sehem tal-poplu. Tingħata l-Barka Sagramentali.
5:00pm: Konċelebrazzjoni Solenni bil-prietka tal-Ewwel Jum tal-Kwaranturi mmexxija mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo. Jipprietka Fr Edward Xuereb, Vigarju Ġudizzjarju u Kappillan tal-Parroċċa tal-Għasri.

**It-Tnejn 31 ta' Diċembru 2013: It-Tieni Jum tal-Kwaranturi Solenni. Jum ta' Qrar**
**Bejn il-5:00am u l-9:00am u bejn l-4:00pm u s-7:00pm, ikun hemm servizz ta' qrar fil-Bażilika.**
F'kull komunità, għandha ssir ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr 'l Alla tal-ġid li rċevejna

matul is-sena.

8:30am: Quddiesa bis-sehem tat-tfal Xagħrin. Wara, ikollhom mumenti ta' Adorazzjoni.

4:30pm: Quddiesa bl-omelija fl-Oratorju tal-Bażilika.

6.00pm: Kant Solenni tal-Għasar (bil-Malti) tas-Solennità ta' Marija, Omm Alla, immexxi minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo.

6:30pm: Konċelebrazzjoni Solenni bil-Kant tat-Te Deum immexxija minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo. Issir il-prietka tat-Tieni Jum tal-Kwaranturi minn Fr Edward Xuereb. Janima l-Kor *Voci Angeliche*. Inħeġġu lill-poplu kollu tax-Xagħra sabiex jattendi ħalli flimkien inroddu ħajr lil Alla fi tmiem is-sena.

8.00pm: "Ma flaħtux tishru siegħa waħda miegħi?" ( Mt. 26:40 ). Tibda Velja ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat Espost. Is-Sigħat tal-adorazzjoni jkunu animati minn persuni diversi.

11:00pm: Quddiesa Solenni li tagħlaq is-sena 2013 u tiftaħ is-sena 2014. Jiċċelebra l-Ewkaristija, l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo.

**L-Erbgħa 1 ta' Jannar 2014: Solennità ta' Marija Omm Alla, Jum il-Paċi, għeluq l-Ottava tal-Milied, għeluq il-Kwaranturi Solenni**

**Il-Quddies fil-Bażilika jkun fl-istess ħinijiet tal-Ħdud. L-Adorazzjoni llum tiftaħ f'nofsinhar.**

**3:15pm: Kant Solenni tat-Tieni Għasar ( bil-Malti ) bis-sehem tal-poplu ppresedut mill-W.R. Mons. Arċipriet Carmelo Refalo.**

**4:00pm: Konċelebrazzjoni Solenni ta' għeluq il-Kwaranturi mmexxija mill-Kan. Ononarju Patri Michael Camilleri O.P, Kappillan tal-Bażilika ta' Santa Marija ta' Poto Salvo u San Duminku, u jippriedka Fr Edward Xuereb bis-sehem tal-W.R. Kapitlu u Kleru tal-Parroċċa. Janima l-Kor *Voci Angeliche*. Wara, issir Purċissjoni Ewkaristika li tgħaddi mit-toroq 28 t'April 1688, San Ġużepp, Knisja u Misraħ il-Vitorja. Ir-residenti huma ġentilment mitluba ma jħallux vetturi pparkjati f'dawn it-toroq. Mad-dħul tal-Purċissjoni fil-Bażilika, isir l-Att ta' Konsagrazzjoni tal-familji lil Ġesù Ewkaristija u tingħata l-Barka Sagramentali.**

**7.30pm: Quddiesa.**

**Il-Ħadd 5 ta' Jannar 2014: Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**

Fi tmiem il-quddiesa wieħed jista' jistieden lill-fidili sabiex ibusu x-xbieha ta' Ġesù Tarbija b'sens ta' qima u adorazzjoni kif għamlu l-Maġi.

8:30am: Konċelebrazzjoni Konventwali Solenni. Issir it-Tħabbira Solenni tal-Festi li jimxu mal-Għid.

9:45am: Quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Imexxi Mons. Arċipriet. Fit-tmiem tal-quddiesa nassistu għall-wasla trijonfali tas-Slaten Maġi (*Cavalcata dei Re Magi*) fi Pjazza l-Vitorja.

11:00am: Quddiesa b'messaġġ għaż-żgħażagħ tal-Parroċċa. Wara ssir il-premjazzjoni u t-tqassim taċ-ċertifikati tal-kompetizzjonijiet marbuta ma' żmien il-Milied mill-Għaqda "Milied fix-Xagħra".

4:15pm: Kant tat-Tieni Għasar tas-Solennità (bil-Malti) bis-sehem tal-poplu.

**It-Tnejn 6 ta' Jannar 2014:**

6.30pm: Quddiesa Kateketika għat-tfal kollha. Waqt din il-quddiesa, issir il-ġabra fost it-tfal għall-Opra tas-Sant'Infanzja. Wieħed jista' jikteb lit-trabi f'din l-Opra.

**Il-Ħadd 12 ta' Jannar 2014: Festa tal-Magħmudija tal-Mulej.**

F'din il-festa li tagħlaq żmien il-Milied, aħna lkoll imħeġġa sabiex inġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija tagħna.

**Il-Ħadd 2 ta' Frar 2014: Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju**

9.45am: Quddiesa bis-sehem tat-tfal li fiha jitbierku x-xemgħat tal-gandlora. F'din il-Quddiesa ssir il-preżentazzjoni tat-tfal tal-Yr 3 li din is-sena ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.



Parroċċa Marija Bambina, Xagħra, Għawdex